MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2014

Numru. 762/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**George Falzon**

**Kumpilazzjoni Nru: 762/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmija George Falzon ta’ 55 sena bin Joseph u Maria Antida nee Caruana imwieled Hal-Qormi fil-5 ta’ Marzu 1959 u residenti 57 Orchidea Triq iz-Zinzel Qormi u detentur ta’ karta ta’ identita b’numru 0251259(M).

Akkuzat talli fil-5 ta’ Awissu 2013 iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar billi insinwa li kien qed isuq il-vettura JBD 219 u li kien involut f’incident tat-traffiku fi Triq il-Mithna Qormi meta kien jaf li fil-fatt il-vettura fil-hin ta’ l-incident kienet qed tigi misjuqa minn ibnu Joseph Falzon u li ma nfurmax b’dan il-fatt lill-pulizija fil-jum u fil-hin ta’l-incident.

Rat l-artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellhux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat minn n-naha, u  min-naha l-ohra l-fatt li kien l-imputat inniffsu li eventwalment mar jghid lill-pulizija bil-fatti li wasslu ghal dawn il-proceduri, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali ta' l-imputat.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat l-artikoli 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l- imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax(18) il-xahar.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------